# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**Magistrat**

**Dr Rachel Montebello B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 157/2019 RM**

**L-Avukat Dottor John Bonello**

**vs**

**Publius sive Leo Said**

**Illum, 24 ta' Settembru 2020**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attur ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-23 ta' Lulju 2019 fejn talab lil din il-Qorti tikkudanna lil konvenut prevja dikjarazzjoni li pubblikazzjoni ossia immagni vizwali (video) li huwa ppublika nhar it-Tnejn 22 ta' Lulju 2019 ghall-habta tas-2:32pm permezz ta' pjattaforma elettronika online ossia l-portal "*Facebook*" fejn il-konvenut jidher f'konversazzjoni permezz tat-telefon liema konversazzjoni hija traskritta fid-dokument anness u mmarkat "Dok. X", hija libelluza u malafamanti fil-konfront tal-attur, ihallas lill-attur somma li ma teccedix hdax -il elf sitt mija u erbghin euro (11.640) in linea ta' danni morali u dan a tenur tal-Kap. 579.

B'applikazzjoni tal-Art. 14 tal-Kap. 579, il-Qorti hija umilment mitluba tordna lill-konvenut inehhi l-pubblikazzjoni malafamanti mis-sit elettroniku fejn giet pubblikata.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenut Publius sive Leo Said ipprezentata nhar id-9 ta' Ottubru 2020 fejn tressqu diversi sottomissjonijiet;

Rat illi permezz ta' digriet moghti fl-4 ta' Ottubru 2019, ir-risposta tal-konvenut datata 16 ta' Settembru 2019, giet sflizata;

Rat illi fid-9 ta' Ottubru 2019 il-konvenut ipprezenta risposta ohra ghar-Rikors promotur liema risposta giet meqjusa bhala risposta bil-kontro-talba bis-sahha ta' digiet moghti fit-22 ta' Ottubru 2019;

Rat illi fit-13 ta' Novembru 2019, ordnat illi jigu trattati u decizi l-ewwel erba' eccezzjonijiet tal-attur rikonvenut fir-risposta tieghu tal-21 ta' Ottubru 2019;

Semghet ix-xhieda;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha akkwiziti fl-atti s'issa;

Rat l-atti kollha;

Semghet it-trattazzjoni orali tal-abbli difensuri tal-partijiet waqt l-udjenza tat-23 ta' Lulju 2020;

Rat illi l-kawza giet imhollija ghal-lum sabiex tinghata sentenza dwar l-ewwel erba' eccezzjonijiet sollevati mill-attur rikonvenut ghall-kontro-talba tal-konvenut;

Ikkunsidrat;

Illi din is-sentenza qieghda tinghata dwar l-eccezzjonijiet preliminari tal-attur rikonvenut ghat-talbiet rikonvenzjonali sollevati mill-konvenut fir-risposta tieghu tad-9 ta' Ottubru 2019.

Qabel xejn, ikun opportun illi jigi mfassal l-*iter* tal-proceduri mill-incezzjoni tal-kawza bir-Rikors promotur, sal-lum, stante illi dan l-ezercizzju bla dubju jiffacilita r-rizoluzzjoni tal-*vexatio quaestio* mqajma bl-ewwel eccezzjoni tal-attur rikonvenut ghall-kontro talba.

- L-attur intavola proceduri ta' libell ai termini tal-Kapitolu 579 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' Rikors ipprezentat fit-23 ta' Lulju 2019, liema Rikors gie appuntat ghas-smigh ghall-4 ta' Ottubru 2019. Dan ir-Rikors gie notifikat lil-konvenut fil-31 ta' Lulju 2019.

- Sadanittant, fil-31 ta' Lulju 2019, l-attur ipprezenta rikors li permezz taghha talab ir-rikuza tal-Magistrat sedenti, liema rikors gie mwiegeb mill-konvenut permezz ta' risposta pprezentata fid-19 ta' Settembru 2019[1]. Din it-talba giet degretata u michuda permezz ta' provvediment moghti fit-22 ta' Ottubru 2019.

- Fis-16 ta' Settembru 2019 il-konvenut ipprezenta risposta in linea ta' kontestazzjoni tat-talba attrici fir-Rikors promotur, liema risposta izda, giet sfilzata mill-atti b'ordni moghtija waqt l-udjenza tal-4 ta' Ottubru 2019[2].

- Waqt l-istess udjenza tal-4 ta' Ottubru 2019, il-konvenut gie ordnat jipprezenta risposta ohra ghar-Rikors promotur in sostituzzjoni ta' dik li

[1] Il-konvenut ta ruhu b'notifikat b'dan ir-rikors fl-udjenza tal-4 ta' Ottubru 2019.
[2] Ara nota tar-Registratur tal-14 ta' Ottubru 2019, fol. 8-18.

giet sfilzata, fi zmien ghaxart ijiem, liema risposta giet effettivamentipprezentata fid-9 ta' Ottubru 2020 u notifikata lill-attur dakinhar stess.

- L-attur, b'rikors li wkoll gie pprezentat fid-9 ta' Ottubru 2019, talab l-isfilz tar-risposta tal-konvenut tad-9 ta' Ottubru 2019.

- Permezz ta' digriet moghti fis-16 ta' Ottubru 2019, oltre li gie ordnat it-thassir ta' diversi paragrafi tal-imsemmija risposta tal-konvenut, il-konvenut gie ordnat ukoll jiddikjara jekk it-talbiet enumerati wiehed (1) sa sitta (6) fir-risposta tieghu tad-9 ta' Ottubru 2019, ghandhomx jitqiesu bhala talbiet rikonvenzjonali.

- Illi permezz ta' risposta (*sic.*) ipprezentata fis-17 ta' Ottubru 2019, il-konvenut iddikjara illi l-paragrafi enumerati 1 sa 6 fir-risposta tieghu tad-9 ta' Ottubru 2019, kellhom jitqiesu bhala talbiet rikonvenzjonali a tenur tal-Artikolu 398 tal-Kap. 12. Din ir-risposta giet notifikata lill-attur fis-17 ta' Ottubru 2019.

- Permezz ta' digriet moghti fit-22 ta' Ottubru 2019, in segwitu ghad-dikjarazzjoni tal-konvenut illi l-paragrafi enumerati 1 sa 6 fir-risposta tieghu tad-9 ta' Ottubru 2019, kellhom jitqiesu bhala talbiet rikonvenzjonali a tenur tal-Artikolu 398 tal-Kap. 12, il-Qorti ordnat lill-konvenut:-

"*... ihallas minnufih id-dritt dovut lir-Registru fuq ir-Risposta tieghu tad-9 ta' Ottubru 2019 meqjusa bis-sahha ta' dan id-digriet bhala Risposta bil-kontro-talba ghall-finijiet tal-Artikolu 398 tal-Kap. 12* [u ordnatu] *ukoll jinnotifika lill-attur bir-Risposta tieghu hekk kif emendata bid-digriet tas-16 ta' Ottubru 2019 u* [tat] *lill-attur zmien ghoxrin gurnata min-notifika sabiex jipprezenta risposta ghat-talbiet rikonvenzjonali ...*"

- Sadanittant l-attur, fil-21 ta' Ottubru 2019, cioe` addirittura qabel id-digriet li ordna n-notifika tar-risposta bil-kontro-talba lill-istess attur, ipprezenta

risposta ghall-kontro-talba tal-konvenut, fejn issolleva diversi eccezzjonijiet ta' natura proceduralli.

Dawn l-eccezzjonijiet, sollevati fil-paragrafi wiehed (1) sa erba' (4) tar-risposta tal-attur tal-21 ta' Ottubru 2019, jifformaw l-oggett ta' din is-sentenza. Dawn huma:-

*"1. Preliminarjament, in-nullita` tal-kontro-talba stante li ma thallasx id-dritt tar-registru sabiex giet prezentata l-istess talba rikonvenzjonali;*

*2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, in-nullita` tal-kontro-talba stane li mhux konessa mal-mertu tal-azzjoni principali ossia libell u kwindi ma taqax fil-parametri tal-Art 396 tal-Kap 12;*

*3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, riferibilment ghat-tielet u ghar-raba' talba rikonvenzjonali, in-nuqqas ta' kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti stante li qed tintalab dikjarazzjoni ta' lezjoni ta' drittijiet u rimedju taht il-Kostituzzjoni u l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319);*

*4. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, in-nuqqas ta' interess gurikidiku tal-konvenut rikonvenzjonanti li jitlob rimedju f'isem l-Onorevoli Prim Ministru, Frank Mercieca u ta' Inna Valentinovna Said...*"

**<u>L-Ewwel Eccezzjoni ghall-Kontro-Talba</u>**

Bl-ewwel eccezzjoni ghat-talbiet rikonvenzjonali proposti mill-konvenut, l-attur eccepixxa n-nullita` tal-kontro-talba stante li ma thallasx id-dritt tar-Registru dovut fuq il-prezentata tal-istess kontro-talba.

Jirrizulta minnufih illi din ir-risposta giet ipprezentata qabel inghata d-digriet tat-22 ta' Ottubru 2019 li bis-sahha tieghu l-konvenut gie awtorizzat ihallas id-

dritt tar-Registru fuq il-kontro-talba. Dan id-dritt gie mhallas in segwitu ghall-imsemmi digriet, fit-30 ta' Ottubru 2019 u ghalhekk, jirrizulta illi kuntrarjament ghal dak eccepit mill-attur, id-dritt tar-Registru gie effettivament imhallas.

Izda waqt it-trattazzjoni, l-attur sahaq illi dan il-hlas kellu jsir mal-prezentata u mhux iktar tard mid-data tal-ewwel smigh tal-kawza, u dan b'applikazzjoni tal-Artikolu 1004 tal-Kap. 12 u tal-Skeda A, Tariffa A, paragrafu 3 tal-istess Kap. 12, fejn il-kontro talba titqies bhala talba gdida u ghaldaqstant il-hlas ghandu jsir sad-data tal-ewwel smigh li jigi wara l-prezentata tal-kontro-talba. Zied jissottometti illi r-rekwizit ta' hlas tad-drittijiet tar-Registru fuq il-kontro-talba mal-prezentata u mhux iktar tard mill-ewwel smigh tal-kawza wara li tigi pprezentata l-kontro-talba, huwa mehtieg proprju sabiex ma jigix ippregudikat id-dritt tal-attur li jwiegeb u kwindi jikkontesta b'mod effettiv it-talbiet rikonvenzjonali.

Min-naha tieghu l-konvenut, fit-trattazzjoni orali, laqa' ghal din l-eccezzjoni billi jikkontendi illi huwa ried ihallas id-drittijiet tar-Registru mill-bidu nett izda billi d-digriet li bis-sahha tieghu ir-risposta tieghu tad-9 ta' Ottubru 2019 giet meqjusa bhala kontro-talba skont l-Artikolu 398 tal-Kap. 12, inghata fit-22 ta' Ottubru 2019, il-hlas tad-drittijiet skont it-tariffi stipulati ma setax jigi effetwat hlief wara li gie moghti dan id-digriet. Sostna wkoll illi l-hlas tad-drittijiet dovuti fuq il-kontro-talba thallsu minnufih wara li nghata dak id-digriet u dan in ottemperanza mal-istess digriet. Fir-rigward, huwa ghamel referenza ghall-Artikolu 1030 tal-Kap. 16.

Ikkunsidrat;

Illi l-Artikolu 1004 tal-Kapitolu 12, jipprovdi hekk:-

*(1) L-ispejjeż għandhom jiġu ntaxxati u mħallsa skont it-Tariffi fl-Iskeda A li tinsab ma' dan il-Kodiċi u skont regolamenti magħmula mill-Ministru responsabbli għal ġustizzja taħt dan l-artikolu.*

Il-paragrafu 3(2)(c) tat-Tariffa A fl-Iskeda A tal-Kap. 12, jistabblixxi kif ghandha tigi komputata s-somma li ghandha tithallas mal-prezentata ta', *inter alia*, xi nota ta' eccezzjonijiet, twegiba jew att iehor tal-procedura preżentat bħala risposta għal talba u li jkun maħsub biex jikkontesta, kompletament jew parzjalment, talba magħmula f'Qorti ta' Prima Istanza[3].

L-imsemmi paragrafu 3(2) tal-imsemmija Tariffa A ikompli jistipola:-

*(d) Fil-każ ta' proċedimenti sommarji speċjali jew* ***proċedimenti fil-Qorti tal-Maġistrati*** *jew proċedimenti oħra fejn l-att tal-proċedura jiġi preżentat fil-Qorti u mhux fir-reġistru,* ***id-drittijiet għandhom jiħallsu mhux aktar tard mill-ġurnata ta' qabel il-ġurnata tas-seduta wara li jiġi preżentat l-att u jekk ma jsirx dan il-ħlas, dak l-att tal-proċedura jitqies bħala li ma jkunx sar****.*
*(e) Id-dispożizzjonijiet tas-subparagrafu (ċ) m'għandhomx japplikaw għall-eventwalitajiet imsemmija fis-subparagrafu (d).* [enfasi tal-Qorti]

Imbaghad, is-sub-paragrafu (3) tal-istess paragrafu 3 tat-Tariffa A jipprovdi:-

*(3) Kull kontro-talba li jkun hemm f'att tal-proċedura msemmi fis-subparagrafi (1) jew (2) ta' dan il-paragrafu tiġi meqjusa bħala talba ġdida, u d-drittjiet murija fis-subparagrafi (1) u (2) ta' dan il-paragrafu għandhom jitħallsu fuq il-kontro-talba u r-risposta għaliha.*

Il-kwistjoni tan-nullita` ta' att gudizzjarju trid tigi ezaminata fil-parametri ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 789(1) tal-Kap.12 dwar meta meta att gudizzjarju jista' jigi dikjarat null:-

*"(1) L-eccezzjoni ta' nullità ta' l-atti gudizzjarji tista' tinghata:-*
*(a) jekk in-nullità hija ddikjarata mil-ligi espressament;*
*(b) jekk l-att jinhareg minn Qorti mhux kompetenti;*
*(c) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma mehtiega mil-ligi, ukoll jekk mhux taht piena ta' nullità, kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun giebet, lill-parti li titlob in-nullità, pregudizzju illi ma jistax jissewwa xort' ohra hlief billi l-att jigi annullat;*

[3] Paragrafu (2) tar-regolament 3 tat-Tariffa A.

*(d) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarità essenzjali espressament mehtiega mil-ligi:*
*Izda dik l-eccezzjoni ta' nullità kif mahsuba fil-paragrafi (a), (c), u (d) ta' dan is-subartikolu ma tkunx tista' tinghata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistghu jissewwew taht kull dispozizzjoni ohra tal-ligi.*

Issa f'dan il-kaz, b'referenza ghall-ewwel eccezzjoni tal-attur ghall-kontro-talba, hu ovvju li l-unika nullita` prospettata mill-imsemmi Artikolu 789(1), hija dik imsemmija mis-subinciz (a) ghaliex galadarba l-ligi fil-paragrafu 3(2)(d) tat-Tariffa A, tipprovdi li jekk ma jsirx il-hlas tad-drittijiet fuq l-att fit-terminu stipolat, dak l-att tal-proċedura jitqies bħala li ma jkunx sar, dan ifisser illi n-nullita` hija dikjarata mil-ligi stess. Madanakollu, billi n-nullita` eccepita hija dik taht l-Artikolu 789(1)(a), isibu riskontru wkoll id-dispozizzjonijiet tal-proviso ghall-istess subartikolu, b'dan illi jekk dik in-nullita` tkun tista' tissewwa taht kull dispozizzjoni ohra tal-ligi, allura l-eccezzjoni tan-nullita` ma tistax tinghata b'success.

Il-gurisprudenza tal-qrati taghna in materja tan-nullita` tal-atti gudizzjarji il-materja hija assodata. Il-principji relevanti in materja jinsabu migbura fis-sentenza fl-ismijiet **Antonia Zahra vs Raymond Borg** deciz fid-29 ta' Settembru 2015:-

*"Illi fl-ewwel lok jinghad li llum hija gurisprudenza li l-Qorti kemm jista' jkun, ghall-pratticita` u biex tigi evitata multiplikazzjoni ta' kawzi u spejjez zejda, ghandha tkun pjuttost iebsa fl-akkoljiment tal-eccezzjoni tan-nullita` u kemm jista' jkun issalva atti gudizzjarji, u att ta' citazzjoni ghandu jigi mwaqqa' u annullat biss ghal ragunijiet gravi.*

*Illi skont is-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **"Michael Attard nomine vs Raymond Galea"** deciza fit-12 ta' Mejju, 1998 intqal illi "bhala regola, skont il-gurisprudenza ormai stabbilita, l-atti kemm jista' jkun ghandhom jigu salvati biex issir gustizzja sostanzjali fil-mertu tal-kaz" u "kif gie ritenut minn dawn il-Qrati, ir-rigorozita' procedurali, u il-*

*formalizmu esagerat rarament huma ambaxxaturi tal-gustizzja sostanzjali u ghalhekk ma ghandhomx normalment janimaw l-andament tal-kawza"* (***"Aquilina vs Cassar"*** *– Vol. LXXVI.iv.666).*

*Illi l-emendi li saru fil-ligi bl-Att XXIV tal-1995, huma mmirati proprju ghalhekk, ghaliex huwa bl-istess tibdil ovvju li l-interess tal-gustizzja fil-kaz in partikolari jigi moqdi generalment biss b'decizjoni fuq il-punt sostantattiv tal-kawza, u dak huwa dak li fil-verita' l-partijiet ikunu qed ifittxu. Ir-regoli tal-procedura jezistu biex jipprovdu l-ahjar triq sabiex id-dritt sostantattiv ikun jista' jingieb bl-ahjar u bl-izjed mod spedjattiv ghall-konferma tieghu, u dan entro l-limiti tal-ligi, u sabiex l-istess dritt ma jkunx jista' jigi abbuzat.*

*Illi ghalhekk l-ebda principju ta' gustizja ma ghandu jhalli d-dritt procedurali jiehu s-sopravent fuq id-dritt sostantattiv, b'mod li l-formalizmu bil-mod estrem tieghu jiddetta l-effettiva ezekuzzjoni u mplimentazzjoni tal-gustizzja skont il-ligi (vide* ***"Anthony Abdilla et vs Emanuel Deguara et"*** *deciza minn din il-Qorti fl-4 ta' Marzu, 1999 (P.A. (RCP) Cit. Nru. 1998/97).*

*Fil-kawza fl-ismijiet* ***Galaxy Holdings Resort Limited vs Intramed Limited*** *Cit.Nru 2377/2000/1 deciza mill-Prim Awla fis-26 ta' Settembru, 2013 dwar dan " il-formalizmu esegerat illi hafna gie imnaqqas u limitat u bir-ragun il-ligi qeghda tkun aktar inklinata li tkompli tillimita l-formalizmu u n-nullitajiet ta' diversi forom" (App.28.02.1997 "****Charles Fino vs Alfred Fabri noe"*** *), u konsegwetement " l-att ghandhom jigu salvati anzi che annullati jew dikjarati nulli" (App. 24.01.1964* ***" Dr.Joseph Ellul vs Jos.G.Coleiro****") PA RCP "****Maurizio Urso vs Fr.Charles Cini****" 19.01.1999*

Applikat dan l-insenjament ghac-cirkostanzi tal-kaz in dizamina kif zvolgew, il-Qorti ma tqisx illi l-att kontenenti t-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenut jista' jitqies li huwa null minhabba nuqqas ta' hlas tad-drittijiet intaxxati, entro z-zmien stipolat fir-regolament 3(2)(d) tat-Tariffa A, Skeda A.

Mill-*iter* tal-procediment kif fuq elenkat, jirrizulta illi r-risposta tal-konvenut, ghalkemm ipprezentata fid-9 ta' Ottubru 2020, giet meqjusa bhala risposta bil-kontro-talba biss bis-sahha tad-digriet tat-22 ta' Ottubru 2019 li gie moqri waqt is-seduta tat-22 ta' Ottubru 2019 u li bis-sahha tieghu, gie ordnat il-hlas minnufih tad-dritt dovut fuq ir-risposta kif ukoll in-notifika lill-attur bl-istess risposta b'ghoxrin gurnata ghar-risposta. **Dan ifisser illi qabel it-22 ta' Ottubru 2019, ir-risposta tal-konvenut ma kienetx meqjusa bhala risposta bil-kontro talba la ghall-fini ta' intaxxar u lanqas ghall-fini tal-konsegwenzi legali li jiskattaw minn risposta bil-kontro-talba.**

Konsegwentement, l-att bil-kontro-talba ghandu jitqies - u gie proprju hekk meqjus formalment u espressament bis-sahha tad-digriet tat-22 ta' Ottubru 2019 - bhala talba gdida li giet ipprezentata fl-istess data tat-22 ta' Ottubru 2019. Galadarba dan il-procediment odjern jaqa' biex jigi regolat mill-paragrafu 3(2)(d) tat-Tariffa A, il-korollarju ta' dan kollu huwa li l-konvenut kellu zmien sal-gurnata ta' qabel tas-seduta ta' wara l-prezentata ta' din it-talba gdida, biex ihallas id-drittijiet dovuti fuq il-kontro-talba. Is-seduta ta' wara t-22 ta' Ottubru 2019 kien proprju s-seduta tat-13 ta' Novembru 2019.

Il-Qorti tqis illi effettivament, dan il-kaz lanqas jista' jitqies li huwa kaz ta' nuqqas ta' hlas tad-drittijiet intaxxati fuq risposta bil-kontro-talba bil-konsegwenza li l-att jitqies bhala li ma jkunx sar, ghaliex jirrizulta li d-drittijiet tar-Registru fuq il-kontro-talba lanqas kienu gew intaxxati fid-9 ta' Ottubru 2019 meta giet ipprezentata r-risposta. Evidentement, it-talbiet li kien fiha r-risposta tad-9 ta' Ottubru 2019 ma gewx meqjusa mir-Registru bhala talba ġdida permezz ta' kontro-talba, u kien proprju dan il-fatt li wassal sabiex din l-istess risposta ma gietx intaxxata bhala risposta b'kontro-talba, u sabiex, konsegwentement, id-drittjiet murija fis-subparagrafi (1) u (2) tal-paragrafu 3

tat-Tariffa A, Skeda A, ma thallsux fuq il-kontro-talba[4]. Kemm hu hekk, iz-zieda fil-hlas ghall-prezentata tal-kontro-talba, giet effettwata fit-30 ta' Ottubru 2019[5] u ghalhekk **qabel** is-seduta tat-13 ta' Novembru 2019 li kienet is-seduta li giet wara li r-risposta giet formalment meqjusa bhala wahda bil-kontro-talba.

Il-Qorti hija tal-fehma li l-konvenut ma jistax jigi pregudikat ghaliex ir-Registratur ma intaxxax id-drittjiet li kellhom jithallsu fuq kontro-talba jekk l-att tal-procediment li kien fih kontro-talba, ma giex intaxxat *ab initio* bhala talba gdida.

Huwa proprju ghal din il-gabra ta' ragunijiet li l-Qorti bid-digriet taghha tat-22 ta' Ottubru 2019, qieset li, sabiex ikun hemm osservanza tar-regoli procedurali ghall-finijiet tal-Artikolu 173 tal-Kap. 12, il-prezentata tal-kontro-talba kellha titqies li saret b'effett tal-istess digriet.

Meqjusa ghalhekk bhala talba gdida li, ghall-finijiet ta' intaxxar u hlas tad-drittijiet, gietipprezentata fit-22 ta' Ottubru 2019, il-Qorti tqis illi d-drittijiet dovuti fuq il-kontro-talba thallsu konformement mad-dispozizzjonjiet tas-sub-paragrafu (2)(d) tar-regolament 3 tat-Tariffa A.

Wiehed irid izomm quddiem ghajnejh ukoll il-fatt illi l-proceduri odjerni m'humiex proceduri mibdijin b'rikors guramentat u ghalhekk quddiem din il-Qorti, il-formalizmu zejjed zgur li jsib rwol ta' ferm inqas qies fil-procedura u fl-atti gudizzjarji u pprezentati quddiemha. Wara kollox, l-Artikolu 215 tal-Kap. 12 jesigi li l-proceduri quddiem din il-Qorti ghandhom jitmexxew sommarjament u bl-akbar heffa li tkun kompatibbli mal-amministrazzjoni tajba tal-gustizzja, liema proceduri ghandhom ukoll iharsu id-dispozizzjonijiet

---

[4] Fil-verita`, dan in-nuqqas kien x'aktarx dovut ghall-fatt illi r-risposta tad-9 ta' Ottubru 2019, kif effettivament intavolata, ma tikkontjeni l-ebda indikazzjoni espressa li l-konvenut kien qed jipprevalixxi mid-dritt moghti lilu biex, b'zieda mar-risposta, liema nuqqas izda, u f'kull kaz, ma jwassalx ghan-nullita` tal-kontro-talba.
[5] Fol. 60 *et seq*.

koncernanti s-smigh tal-kawzi, sa fejn dawn id-dispozizzjonijiet jistghu joqogħdu mal-mod li bih għandu jitmexxa fil-qrati inferjuri.

Fuq kollox, jigi osservat illi l-attur ma soffra l-ebda pregudizzju kwalsiasi bin-nuqqas ta' hlas tad-drittijiet tar-registru fiz-zmien meta dawn ma kienu lanqas ghadhom gew intaxxati, u dan ghaliex huwa stess ghadda mill-ewwel sabiex jintavola risposta ghall-istess talbiet rikonvenzjonali, hekk kif il-konvenut iddikjara li t-talbiet bin-numru 1 sa 6 fir-risposta tieghu kellhom jitqiesu bhala talbiet rikonvenzjonali, u dan sahanistra qabel il-Qorti ddecidiet li tqis formalment dawn it-talbiet bhala talbiet rikonvenzjonali u ordnat il-hlas immedjat tad-drittijiet. B'zieda ma' dan, u sabiex jigi evitat kull forma ta' pregudizzju lill-attur, il-Qorti ordnat ukoll in-notifika lill-attur tar-risposta bil-kontro-talba kif korretta, kif ukoll ikkoncediet hija stess lill-istess attur terminu ta' ghoxrin gurnata sabiex wiegeb ghat-talbiet rikonvenzjonali.

B'dan kollu, il-Qorti tifhem illi jekk il-kontro-talba tal-konvenut setghet tkun afflitta minn xi nullita` taht l-Artikolou 789(1)(a) tal-Kap. 12, din in-nullita` ssewwiet bl-ordni tal-Qorti tat-22 ta' Ottubru 2019 u dan minghajr ebda pregudizzju ma gie arrekat lill-attur.

Ghaldaqstant, l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut m'hijiex tajba u qed tigi respinta.

**<u>It-Tieni Eccezzjoni ghall-Kontro-Talba</u>**

Din l-eccezzjoni tgħid li l-kontro-talba, kif saret, ma tiswiex, ghaliex din mhijiex konformi mad-dettami tal-Artikolu 396 tal-Kap. 12.

Hawnhekk in-nullita` eccepita mill-attur hija dik prospettata mis-subinciz (d) tal-Artikolu 789(1) tal-Kap. 12:-

*(d) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarità essenzjali espressament mehtiega mil-ligi:*

Il-partikolaritajiet essenzjali espressament mehtiega mil-ligi in materja ta' kontro-talba, huma dawk preskritti fl-Artikolu 396 tal-Kap. 12 li jipprovdi hekk:-

*Fil-kawżi, l-konvenut jista' jagħmel kontro-talba kontra l-attur, basta li din il-kontro-talba tkun konnessa mat-talba tal-attur kif sejjer jingħad hawn taħt:*
*(a) meta l-kontro-talba tal-konvenut tkun ġejja mill-istess fatt, jew mill-istess kuntratt jew titolu li minnu tkun ġejja t-talba tal-attur; jew*
*(b) meta l-iskop tal-kontro-talba tal-konvenut huwa li jpaċi l-kreditu mitlub mill-attur, jew li b'kull mod ieħor iġib fix-xejn l-azzjoni tal-attur jew li jimpedixxi l-effetti tagħha.*

**(a) L-Artikolu 396(a) tal-Kap. 12**

Din hija azzjoni ta' libell mibdija taht l-Artikolu 3 tal-Kap. 579. L-attur, fir-Rikors promotur, fisser illi l-pubblikazzjoni konsistenti f'*video* mtella' fit-22 ta' Lulju 2019 fuq il-portal *Facebook*, fejn il-konvenut jidher f'konversazzjoni telefonika li hija traskritta f'Dok X annness mar-Rikors, hija libelluza u malafamanti fil-konfront tieghu, u talab il-hlas tad-danni morali.

Minn dak li tista' tifhem il-Qorti mill-mod ftit jew wisq inkoerenti li bih giet imfassla r-risposta, il-konvenut laqa' ghal din l-azzjoni billi eccepixxa *inter alia* u in sostanza, illi (i) t-traskrizzjoni tal-konversazzjoni telefonika, kontenuta f'Dok. X, ma tirrapprezentax il-konversazzjoni shiha li saret bejn il-konvenut u d-Direttur Generali tal-Qorti, (ii) ma kienx jaf li l-konversazzjoni telefonika traskritta f'Dok. X kienet qed tigi rekordjata, (iii) f'diversi siltiet tal-konversazzjoni, huwa ma kienx qed jaghmel referenza lill-attur izda lil terzi, (iv) huwa ma qal xejn hazin bil-kliem impunjat; (v) kwantu specifikatament ghall-attur, bhala Avukat u ufficjal tal-Qorti huwa kellu jgib ruhu skont ir-regoli tal-Kodici ta-Etika tal-Avukati u (vi) l-attur kellu jidderigi l-azzjoni tieghu ta' libell anke fil-konfront tal-imsemmi Direttur Generali tal-Qorti.

Il-konvenut imbaghad ressaq is-segwenti talbiet rikonvenzjonali:-

"*Ghaldaqstant, l-Esponent Konvenut Publius sive Leo Said in vista tas-suesport, qed jitlob bir-rispett lil Din l-Onorabbli Qorti kull providiment opportun iehor joghgobha:*

*(1) Taqta' u tiddeciedi li l-allegati nsinwazzjonijiet u talbiet tar-Rikorrent Dr. John Bonello huma fil-verita` frivoli u vessatorji u li din il-kawza qeghda ssir biss biex issir pressjoni fuq l-istess Esponent Konvenut Publius sive Leo Said kif ukoll fuq il-mara tieghu, ossia s-Sinjura Inna Valentinovna Said (K.I. 0133915 L), biex icedu kull pretensjonijiet li attwalment ghandhom anke kontra l-istess Rikorrent Dr. John Bonello u/jew kontra xi klijent partikolari tieghu u li ghandhom b'xi mod x'jaqsmu ma per ezempju l-kawza "Il-Pulizija vs Massimo Bonello;"*

*(2) Taqta u tiddeciedi billi tiddikjara li r-Rikorrent Dr. John Bonello xjentament, malizzjozament u dolozament apposta u dejjem IN MALA FEDE kien talbet lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha li ssib l-Esponent Konvenut Publius sive Leo Said hati ta' xi haga li hu qatt ma verament qal u li dan kollhu sar mir-Rikorrent Dr. John Bonello apposta in MALA FEDE w dejjem b'abbuz w dejjem a spejjez ta' l-istess Esponent Konvenut Publius sive Leo Said;*

*(3) Tiddikjara li r-Rikorrent Dr. John Bonelo xjentament, malizzjozament u dolozament apposta u dejjem IN MALA FEDE qed jilledi d-drittijiet fundamentali ta' l-esponent ghal smiegh xieraq (Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta) specjalment meta dahhal ir-Rikors tieghu tal-31 ta' Lulju 2019;*

*(4) Tikkunsidra li taghti dawk il-provvedimenti xierqa u necessarji sabiex jigu protetti d-drittijiet inerenti u kostituzzjonali ta' kemm il-Prim Ministru ta' Malta, kif ukoll tad-Direttur ta' Dawn l-Onorabbli Qrati, ossija tas-Sur*

*Mercieca u kif ukoll ta' l-Esponent Konvenut Publius sive Leo Said, kif ukoll finalment kontra l-interessi tal-mara ta' l-istess Esponent Konvenut Publius sive Leo Said, ossia Sinjura Inna Valentinovna Said ((K.I. 0133915 L);*

*(5) Tikkundanna lir-Rikorrent Dr. John Bonello jhallas lill-Esponent Konvenut Publius sive Leo Said danni mhux biss dawk materjali imma wkoll danni mhux materjali minhabba dan il-qerq sfaccat tieghu;*

*(6) Tordna lir-Rikorrent Dr. John Bonello jgib fix-xejn din l-azzjoni hekk istitwita minnu;*

*B'rizerva ghal kull azzjoni ohra spettanti lill-Esponent Konvenut Publius sive Leo Said, bl-imghax legali, u bl-ispejjez hekk reklamati u li huma sa issa riservati, kontra l-istess Rikorrent Dr. John Bonello li minn issa huwa ngunt in subizzjoni;"*

Illi waqt it-trattazzjoni ta' din l-eccezzjoni, l-attur fisser li l-irritwalita` tal-azzjoni rikonvenzjonali titnissel kemm minhabba li l-istess kontro-talba m'hijiex gejja "*mill-istess fatt*" li ghalih tirreferi l-azzjoni attrici, kif ukoll minhabba li ma jistax ikun li l-azzjoni rikonvenzjonali "*tpaċi l-kreditu mitlub mill-attur jew b'mod ieħor iġġib fix-xejn l-azzjoni tal-attur jew timpedixxi l-effetti tagħha*"[6].

Illi hu evidenti li sabiex tista' tregi kontro-talba fl-istess kawza, il-ligi tehtieg li jkun hemm konnessjoni bejn it-talbiet principali u dawk rikonvenzjonali, liema konnessjoni tigi ravvizata meta l-kontro-talba tal-konvenut tkun gejja mill-istess fatt, jew mill-istess kuntratt jew titolu li minnu tkun gejja t-talba tal-attur, skont kif jesigi l-Artikolu 396(a) tal-Kap. 12.

[6] Art. 396(b), Kap. 12.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Air Malta plc vs Lawrence Borg noe**, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili[7] qalet li huwa stabbilit li b'"fatt" wiehed jifhem "...*dik il-gabra ta' operazzjonijiet jew negozji li nisslet ir-rabta guridika (Ara Digesto Italiano (Vol IX) Voce 'Fatto' pa 548-9)".*

Jinghad ukoll illi fl-istitut tar-rikonvenzjoni, l-azzjoni u l-azzjoni rikonvenzjonali jitqiesu bhala zewg azzjonijiet li kapaci joqoghdu wahedhom f'ezistenza indipendenti u awtonoma. Dan jista' facilment jinftiehem mid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 401 tal-Kap. 12 li jistipolaw illi r-rinunzja ghall-atti mill-attur m'hijiex ta' xkiel ghall-kontinwazzjoni tas-smigh tal-kontro-talba u d-decizjoni eventwali taghha.

Ikkunsidrat;

Meta l-Qorti tifli sewwa l-azzjoni principali li ghandha quddiemha, li hija azzjoni ta' libell, issib li din tinsab mibnija fuq il-fatt konsistenti fil-pubblikazzjoni tal-konversazzjoni telefonika bejn il-konvenut u d-Direttur Generali tal-Qorti, liema pubblikazzjoni saret permezz ta' video imtella` fuq il-midja socjali tal-konvenut.

Izda, minn ezami tat-talbiet rikonvenzjonali, jirrizulta illi dawn m'humiex mibnija fuq il-pubblikazzjoni tal-konversazzjoni telefonika mertu ta' din l-azzjoni, izda huma mibnija esklussivament fuq l-azzjoni ta' libell mibdija proprju mill-istess attur. Dan hu ovvju mill-fatt li bl-ewwel talba tieghu, il-konvenut irid li l-Qorti tiddeciedi li t-talbiet tal-attur fl-azzjoni mibdija minnu, huma frivoli u vessatorju u li din il-kawza saret biss biex isir pressjoni fuq il-konvenut u martu. Imbaghad, bit-talbiet sussegwenti tieghu, il-konvenut irid li l-Qorti tiddeciedi li l-attur ressaq 'il quddiem l-azzjoni tieghu dolozament, b'malizzja u in malafede, tant illi qieghed jilledi d-dritt tal-konvenut ghal smigh

[7] Sentenza tat-30 ta' Gunju 2004.

xieraq u qed jintalab konsegwenzjalment ghal dan kollu, il-likwidazzjoni u hlas ta' danni materjali u mhux materjali.

Minn dan isegwi illi l-ghan wahdieni ta' dawn it-talbiet rikonvenzjonali kif ukoll il-bazi unika taghhom, jikkonsisti fl-istituzzjoni *ut sic* mill-attur ta' din il-kawza ta' libell fil-konfront tal-konvenut u mhux fil-publikazzjoni tal-konversazzjoni telefonika mertu tal-azzjoni principali. Fil-fehma tal-Qorti, kien ikun hemm konnessjoni bejn it-talba principali u dawk rikonvenzjonali[8], kieku l-azzjoni rikonvenzjonali kienet mibnija fuq il-konversazzjoni telefonika impunjata u l-pubblikazzjoni sussegwenti taghha, izda zgur mhux fuq il-fatt innifsu li l-attur istitwixxa kawza ta' libell. Kemm hu hekk, jigi osservat illi kieku din l-azzjoni kellha tigi rinunzjata mill-attur, it-talbiet rikonvenzjonali ma jkunux iktar kapaci jissussistu wahedhom, u galadarba l-kontro-talba hija dipendenti fuq it-talba, ma jistax jinghad illi hemm il-konnessjoni li jesigi l-Artikolu 396 tal-Kap. 12.

Ghaldaqstant, il-Qorti tasal ghall-fehma li t-talbiet rikonvenzjonali[9] m'humiex gejjin mill-istess fatt li minnu gejjin it-talbiet principali, kif imfissra hawn fuq.

Ikkunsidrat;

Jinghad ukoll, ghall-kompletezza, li ghalkemm bis-sitt talba rikonvenzjonali, il-konvenut jitlob testwalment, li l-attur jigi ordnat biex igib fix-xejn l-azzjoni istitwita minnu, fil-fehma tal-Qorti dan ma jfissirx illi l-iskop tal-kontro-talba huwa effettivament biex igib fix-xejn l-azzjoni tal-attur kif mehtieg fis-subinciz (b) tal-Artikolu 396 tal-Kap. 12.

In propositu inghad hekk:-

---

[8] Ir-raba' talba rikonvenzjonali ser tigi mistharrga separatament.
[9] Ir-raba' talba rikonvenzjonali ser tigi trattata separatament.

*"... il-fatt li għan ta' parti mħarrka jkun li ġġib fix-xejn azzjoni mressqa kontriha, ma jirrendix ġustifikat invarjabbilment it-tressiq ta' att ġudizzjarju fl-għamla ta' rikonvenzjoni. L-istess għan jintlaħaq b'Nota tal-Eċċezzjonijiet. Ma kien qatt il-ħsieb tal-leġislatur li jirrendi l-azzjoni rikonvenzjonali bħala strument ordinarju li bih kull kawża tfaqqas fi tnejn. Kemm hu hekk, ir-rikonvenzjoni hija rimedju straordinarju proċedurali li għandu ħsieb u għan speċifiku, u kemm hu hekk hija waħda minn dawk il-proċeduri li l-Kodiċi isejjaħ "speċjali". Dan jingħad ukoll minkejja li l-jedd li titressaq talba rikonvenzjonali huwa mogħti lill-imħarrek mingħajr limitu dwar l-għamla ta' azzjoni li fiha tista' ssir;*

*Illi r-raġunijiet għaliex l-eċċezzjoni taħt eżami għandha tiġi mistħarrġa jridu jmorru lejn il-ħsieb veru wara l-istitut tar-rikonvenzjoni."* [10]

Fil-kaz li ghandha quddiemha llum, il-Qorti tqis illi minkejja li l-konveut talab, fost talbiet ohrajn, li l-attur jigi ordnat igib fix-xejn l-azzjoni tieghu, l-effett kumulattiv tat-talbiet rikonvenzjonali tieghu kien jintlahaq ugwalment *in via d'eccezzione* fir-risposta tieghu ghar-Rikors promotur. Ghaldaqstant, bl-applikazzjoni tal-insenjament fuq riportat, isegwi illi f'dawn ic-cirkostanzi ma hemmx lok ghall-uzu ta' din il-procedura specjali. Kif inhu risaput, ir-regoli tal-procedura, fosthom dawk li jirregolaw l-istitut tar-rikonvenzjoni, huma ta' interpretazzjoni stretta u ma ghandhomx jigu estizi lil hinn mill-parametri specifikati mil-legislatur. Ghaldaqstant, l-istitut tar-rikonvenzjoni, bhala wiehed specjali, ma jistax jitwessa' sabiex ihaddan fih azzjonijiet u strumenti li ma jinkwadrawx strettament fil-parametri stabbiliti mill-Artikolu 396 tal-Kap. 12.

Minhabba f'dan, il-Qorti ma tqisx illi l-iskop tar-rikonvenzjoni mressqa mill-konvenut huwa verament biex igib fix-xejn l-azzjoni tal-attur jew li jimpedixxi l-effetti taghha, ghaliex ghall-kuntrarju, huwa manifest li r-rikonvenzjoni mhux talli ghandha bhala s-sies wahdieni taghha l-ezistenza tat-talbiet principali, talli qieghda tintuza bhala strument biex il-konvenut biex jiddefendi ruhu kontra t-talbiet attrici u jikseb il-likwidazzjoni u hlas ta' danni materjali u mhux materjali konsegwenzjalment ghal, u bis-sahha tal-istess talbiet principali tal-

[10] **Air Malta plc vs Lawrence Borg nomine**, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civli fit-30 ta' Gunju 2004. Ara wkoll **Joseph Scerri vs Anna Fenech et**, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta' Lulju, 2003.

attur innifsu. Ghalhekk ir-rikonvenzjoni altru milli ggib fix-xejn l-azzjoni tal-attur jew timpedixxi l-effetti taghha: l-azzjoni tal-attur hija *sine qua non* ghall-ezistenza tat-talbiet rikonvenzjonali.

Kwantu specifikatament it-tielet talba rikonvenzjonali, u b'zieda mal-premess, il-Qorti tosserva ulterjorment illi f'kull kaz, din ma tistax tregi ghaliex huwa evidenti li l-allegata lezjoni ta' drittijiet fondamentali lamentata mill-konvenut, hija marbuta **mhux mat-talbiet principali fir-Rikors promotur tal-azzjoni attrici, izda mar-rikors li pprezenta l-attur fil-31 ta' Lulju 2019** li permezz tieghu l-attur kien talab ir-rikuza tal-Magistrat sedenti milli tisma' u tiddeciedi din il-kawza - talba li giet rigettata permezz ta' digriet moghti fit-22 ta' Ottubru 2019. Effettivament, waqt it-trattazzjoni orali, l-abbli difensur tal-konvenut, anke fuq mistoqsija specifika tal-Qorti nnifisha, riafferma inekwivokabbilment illi l-allegata lezjoni tad-dritt fondamentali tal-konvenut ghal smigh xieraq, invokata permezz tat-tielet talba rikonvenzjonali, hija marbuta mar-rikors tal-attur tal-31 ta' Lulju 2019.

Ghaldaqstant, huwa manifestament eskluz illi t-tielet talba rikonvenzjonali hija b'xi mod konnessa mat-talba principali fir-Rikors promotur ghall-finijiet tal-Artikolu 396 tal-Kap. 12.

**(b) L-Artikolu 396(b) tal-Kap. 12**

Illi l-Qorti qalja ghandha ghalfejn tistharreg is-siwi tat-talbiet rikonvenzjonali taht id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 396(b) tal-Kap. 12, ghaliex huwa evidenti illi l-iskop tal-kontro-talba tal-konvenut qatt ma jista' jkun li "*jpaci l-kreditu mitlub mill-attur*". Hu ovvju li l-attur fl-azzjoni tieghu, m'huwiex qed ifittex kanonizzazzjoni ta' kreditu tax-xorta li jista' jigi pacut ma' xi kreditu iehor: l-attur qed ifittex dikjarazzjoni li l-pubblikazzjoni impunjata hija libelluza, u mhux il-hlas ta' kreditu.

Kif sewwa sottometta l-attur waqt it-trattazzjoni, it-talba tieghu ghal-likwidazzjoni u hlas ta' danni morali, ghalkemm hija konsegwenzjali ghall-akkoljiment tat-talba biex il-pubblikazzjoni impunjata titqies bhala malafamanti, m'hijiex konsegwenza **necessarja** tal-akkoljiment ta' dik it-talba u fi kwalunkwe kaz, id-danni morali ma jistghux jitqiesu, bl-ebda tigbid ta' immaginazzjoni, bhala "*kreditu*" fis-sens imfisser mill-Artikolu 396(b) tal-Kap. 12.

B'zieda ma' dan, jinghad ukoll illi meta l-iskop tar-rikonvenzjoni jkun biex jigi pacut il-kreditu mitlub mill-attur, ir-rikonvenzjoni titqies li topera bhala rikonoxximent tal-kreditu pretiz mill-attur ghaliex, kif inhuwa risaput, it-tpacija tfisser necessarjament illi hemm zewgt idjun x'jigu kkumpensati ma' xulxin[11]. Izda minn harsa lejn l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut fir-Risposta tieghu, huwa evidenti li huwa ma jammettix li l-pubblikazzjoni impunjata hija malafamanti. Ghall-kuntrarju, il-konvenut eccepixxa illi huwa "*ma kien qal xejn hazin meta kien qal il-kliem '... John Bonello huwa brikkun, kiser il-ligi, kiser l-etika...*'"[12]

**Dan kollu jfisser illi t-tieni eccezzjoni ghall-kontro-talba hija f'lokha u l-kontro-talba ma tiswiex stante illi, kif stabbilit, ma tissodisfax il-htigijiet tal-Artikolu 396 tal-Kap. 12 u ghaldaqstant, ghall-finijiet tal-Artikolu 789(1)(c) tal-Kap. 12, hija nieqsa minn partikolarita` essenzjali mehtiega espressament mill-Artikolu 396 tal-Kap. 12.**

Ikkunsidrat;

In vista tal-akkoljiment tat-tieni eccezzjoni, il-Qorti tqis li mhux mehtieg li jigi mistharreg is-siwi o meno tal-eccezzjonijiet l-ohrajn sollevati mill-attur

[11] Ara fir-rigward: **Gabriel Parnis et vs Joseph Cucciardi et** – deciza mill-Qorti tal-Appell, 16 ta' April 2004.
[12] Paragrafu 12 tar-Risposta tad-9 ta' Ottubru 2019, fol. 62.

rikonvenut ghall-kontro-talba, sija dawk preliminari u sija wkoll dawk fil-mertu u ghaldaqstant tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghhom.

Madanakollu, kwantu ghat-tielet u r-raba' talbiet rikonvenzjonali tal-konvenut, il-Qorti tqis illi ghall-fini ta' kompletezza, dawn ghandhom jigu mistharrga specifikatament fil-parametri tat-tielet u r-raba' eccezzjonijiet tal-attur rikonvenut fir-Risposta tieghu tal-21 ta' Ottubru 2019, ghaliex jittrattaw kwistjoni ta' ksur ta' drittijiet fondamentali.

Permezz tat-tielet eccezzjoni tieghu ghat-tielet u r-raba' talbiet rikonvenzjonali, l-attur jeccepixxi illi din il-Qorti m'hijiex kompetenti sabiex tiehu konjizzjoni ta' talba ghal dikjarazzjoni ta' lezjoni ta' drittijiet fondamentali u ghal rimedju taht il-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali[13] (Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta[14]).

Minghajr tlaqliq, jinghad illi din l-eccezzjoni hija tajba. Hu evidenti li l-konvenut fit-tielet talba rikonvenzjonali qieghed ifittex dikjarazzjoni li d-dritt fondamentali tieghu ghal smigh xieraq, protett mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, gie lez mill-attur, filwaqt illi fir-raba' talba rikonvenzjonali, jitlob li jinghataw provvedimenti ghall-protezzjoni tad-drittijiet kostituzzjonali sija tieghu u sija ta' terzi persuni.

Minghajr qies tar-raba' eccezzjoni kwantu tolqot specifikatament ir-raba' talba rikonvenzjonali, u lil hinn minn dak li gia` gie deciz riferibbilment ghat-tielet talba, hu ovvju illi b'effett tal-Artikolu 46(1)(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4(2) tal-Kap. 319, hija biss il-Prim'Awla tal-Qorti Civili li ghandha l-gurisdizzjoni originali li tisma' u tiddecidi kull talba magħmula taht l-Artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew taht l-Att tal-Konvenzjoni Ewropeja, u li tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk il-

[13] "Il-Konvenzjoni".
[14] L-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja.

provvedimenti li tqis xierqa sabiex twettaq id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fondamentali.

Huwa minnu li din il-Qorti, bhala l-Qorti tal-Magistrati fil-gurisdizzjoni inferjuri taghha, ghandha s-setgha li tibghat xi kwistjoni li tqum quddiemha dwar il-ksur ta' xi wiehed mid-drittijiet tal-bniedem u libertajiet fondamentali, lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili bl-applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 4(3) tal-Kap. 319 u l-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni, izda jigi osservat illi hija ma gietx mitluba tibghat xi kwistjoni dwar ksur ta' drittijiet fondamentali lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili a tenur tad-dispozizzjonijiet legali appena msemmija. Effettivament, permezz tat-talbiet rikonvenzjonali in dizamina, jirrizulta li din il-Qorti giet mitluba tiddikjara hija stess li sehhet lezjoni ta' drittijiet fondamentali u taghti hija stess il-provvedimenti opportuni fir-rigward, meta huwa evidenti li dawn it-talbiet ma setghu qatt jigu indirizzati lilha stante illi l-gurisdizzjoni originali tirrisjedi fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili.

Ikkunsidrat finalment;

Illi ghandu jinghad li l-konkluzjoni tal-Qorti illi l-kontro-talba tal-konvenut hija irrita u nulla, u l-konkluzjoni ulterjuri illi t-talbiet rikonvenzjonali li huma mirati sabiex tinkiseb dikjarazzjoni dwar lezjoni ta' drittijiet fondamentali u rimedju opportun, jezorbitaw il-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti, ma jfissirx illi l-kontro-talba ghandha tigi definitivament michuda. Ifisser biss li dawn it-talbiet ma setghux isiru b'rikonvenzjoni u jew quddiem din il-Qorti u konsegwentement, l-attur ghandu jinheles mill-harsien tal-gudizzju relattiv.

**<u>Decide</u>**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi li:-**

**Tichad l-ewwel eccezzjoni tal-attur rikonvenut fir-Risposta tieghu tal-21 ta' Ottubru 2020;**

**Tilqa' t-tielet eccezzjoni tal-attur rikonvenut specifikatament kwantu tolqot it-tielet u r-raba' talbiet rikonvenzjonali;**

**Tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-istess attur rikonvenut kontra r-rikonvenzjoni proposta mill-konvenut billi tqis li l-kontro-talba hija irritwali u ma tiswiex, ghaliex ma tharisx l-elementi mitluba mill-Artikolu 396 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta; u konsegwentement,**

**Tillibera lill-attur rikonvenut mill-osservanza tal-gudizzju kwantu ghat-talbiet rikonvenzjonali kollha tal-konvenut.**

**Tordna l-prosegwiment tal-kawza dwar it-talbiet principali fir-Rikors promotur.**

**L-ispejjez ta' dan l-episodju jithallsu mill-konvenut.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT**

**Dr Graziella Attard**
**Deputat Registratur**